**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 565/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**PETER TEUMA**
**(ID: 258749M)**

**ANDREA THEUMA**
**(ID: 979650M)**

**Illum, 10 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **PETER TEUMA** detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija numru 258749M u lil **ANDREA THEUMA** detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija numru 979650M, tressqu quddiemha akkuzati talli:

Fl-1 ta' Settembru 2018 u kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel gewwa ghalqa go triq Ghelejjel, Gudja, u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Dahhlu f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fethu jew zammew fabbrika tal-porvli jew tax-xogholijiet tan-nar, inkella fabbrika ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra minghajr licenzja tal-pulizija;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hadmu porvli tal-isparar jew ippreparaw dak ix-xoghol f'post iehor li kienx fabbrika tan-nar, jew f'fabbrika ohra, f'post li ma kienx fabbrika ohra li jkollha l-licenzja taht l-Ordinanza dwar l-esplossivi;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew ghall-bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplosivi minghajr il-licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li jzommu esplozivi jew sustanzi li jaqbdu malajr hafna go recipjent li fihom dan il-porvli jkun mizmum li ma jkunx ta' periklu;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom kwantita` ta' porvli tal-isparar ta' izjed minn hames mitt gramm uzin, liema ma kinux mizmuma gewwa kaxxa, xkora jew recipjent iehor li jkunu sahha u maghmulin u maghluqin hekk tajjeb li ma jkunx jista' johrog minnhom;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kontra d-disposizzjoni tat-Taqsima 1 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplossivi, zammew fid-dar taghhom jew f'xi post iehor, jew ikkunsinnaw lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmijin fl-artiklu 6 tal-Kap 33 tal-ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplossivi, garrew minn post ghall-

iehor porvli tal-isparar jew esplossivi minghajr permess tal-Kumissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta’ ħtija tordna il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta, il-propjeta’ u cioe’ l-ghalqa li tinstab fi triq il-Ghelejjel, Gudja, uzata’ ghall-manifattura, il-bejgh, il-wiri ghall-bejgh, jew il-ħazna tal-esplozivi, u anke f’każ li ***Peter Teuma*** u/jew ***Andrea Theuma*** jinstab/u ħati/ħatja izda ma jkunx is-sid assolut iżda jkollhom titolu ieħor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollhom titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjetà, li bis-saħħa ta’ dan it-titolu jkollhom l-kontroll fuq, jew dritt ta’ aċċess għal din il-proprjetà, il-Qorti għandha tordna lill-imsemmija ***Peter Teuma*** u/jew ***Andrea Theuma*** misjub/a ħati/ħatja jħallas/u multa ta’ mhux anqas minn għaxart elef ewro (€10,000) iżda mhux iżjed minn sittin elf ewro (€60,000) kif tistabbilixxi l-Qorti wara li tqis il-valur tal-propjeta’ immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-propjeta’, jekk ikun hemm, li jkun gie konfiskat kif imsemmi qabel; **dan skont kif mahsub fl-artikolu 45A(1)(a), u 45A(1)(b) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog sospenzjoni tal-licenzja ta’ hawn fuq imsemmija ***Peter Teuma*** u ***Andrea Theuma*** hekk kif mahsub fl-**artikolu 45B tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta Malta**

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk jigi ppruvat reat kontra din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha, il-*corpus delicti*, il-għodod, kompriżi l-vetturi jew inġenji tal-baħar li servew jew kellhom iservu għall-konsumazzjoni tar-reat kif ukoll kull sustanza jew ħaġa li tkun il-prodott tar-reat, jiġu kkonfiskati, meta ma jkunx hemm min,

mingħajr ma jkun ħa sehem fir-reat, ikollu jedd fuq dawk l-għodod, vetturi, inġenji tal-baħar, sustanzi jew ħwejjeġ u jġib ‘l quddiem it-talba tiegħu fi żmien erbat ijiem utili minn dakinhar illi s-sentenza li biha jkun ġie dikjarat li sar ir-reat issir definittiva. (2) B’dak kollu li jinsab fis-subartikolu ta’ qabel jew f’xi disposizzjoni oħra tal-liġi, f’kull proċediment kriminali kontra xi persuna għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza jew ta’ xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha, il-Qorti, minnufih wara li jinqraw l-imputazzjoni jew ir-rapport tal-Pulizija jew f’kull żmien wara, jekk tkun sodisfatta illi xi esploziv li jkollu x’jaqsam mal-proċedimenti ma jkunx jista’ jinżamm sakemm jispiċċaw il-proċedimenti mingħajr perikolu għan-nies jew propjetà, tista’ tordna d-distruzzjoni ta’ xi esploziv minn dawn taħt dik is-sorveljanza esperta li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi iżda f’dan il-kaz il-qorti ghandha tiehu l-passi mehtiega biex tiddeskrivi l-imsemmija u l-istat taghhom.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru 2018, l-imputati waqt l-ezami, wiegbu li mhux hatja tal-akkuzi li nqraw mill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament fl-istess udjenza;

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat in-noti ta’ sottmissjonijiet ipprezentanti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza ta’ kull wiehed mill-imputati in linea ta’ trattazzjoni;

[1] Fol. 33.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Illi nhar l-1 ta' Settembru 2018 il-Pulizija rceviet rapport anonimu li gewwa ghalqa fi Triq Ghelejjel, Gudja, kien qed jinhadem xi xoghol tan-nar illegalment u illi dan ix-xoghol kien qed jingarr b'vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni PJT-149. Xi ufficjali tal-Pulizija marru fuq il-post u hemmhekk sabu liz-zewg imputati kif ukoll materjal allegatament konness mal-loghob tan-nar, fosthom materjal splussiv bhal rollijiet u beraq tal-musketterija, lesti mahdumin biex jinharqu, kif ukoll sustanzi ohra suspettati li jikkonsistu f'porvli u prekursuri. Dawn instabu gewwa, *inter alia*, bramel u kaxxi sparsi mal-fond, sija go gallinari li hemm fil-parti ta' quddiem tal-fond, kif ukoll fl-ewwel kamra tal-fond fejn instabet ukoll musketterija mimlija u lesta marbuta.

L-ispezzjoni li saret fil-vettura msemmija bin-numru ta' registrazzjoni PTJ-149 li kienet fuq il-post, irrizultat fin-negattiv u ma deherx li kien hemm porvli jew esplossivi qed jingarru fil-vettura.

Infehtet Inkjesta Magisterjali dwar din is-sejba u gew appuntanti fost ohrajn espert pirotekniku, Patrick Vella, espert fil-kimika, Dr. Daniel Vella u l-Perit Arkitett Richard Aquilina bhala espert tekniku.

**<u>Rizultanzi mill-Provi</u>**

L-espert pirotekniku Patrick Vella kkonferma[2] illi l-materjal kollu elevat mill-post u mill-pussess tal-imputati jew min minnhom, hlief ghall-materjal li nstab gol-kontenitur bin-numru 19, huwa materjal relatat u li jintuza ghall-finijiet tal-

[2] Ara rapport Dok. PV1.

manifattura tax-xogholijiet tan-nar, u li jaqa' f'wahda miz-zewg kategoriji ta' "materjal splussiv" jew "prekursuri".

Ikkonkluda wkoll illi l-materjal splussiv li nstab huwa kollu attiv cioe` kombastibbli, u jikkonsisti *inter alia* fis-segwenti:- berqa (206 grams), beraq tal-musketterija, rollijiet tal-musketterija, porvli (gunpowder ta' 22.38 kilogramm uzin), stilla u funtani.

Kwantu ghall-prekursuri li nstabu fil-post, liema prekursuri huwa ddefinixxa bhala sustanzi kimici li meta jinghaqdu jipproducu effett ta' splussjoni jew detonazzjoni, l-espert pirotekniku indikahom fil-paragrafu 24 tar-rapport tieghu, bhala *inter alia* aluminium (7.14 kg), PVC (2.21 kg) u diversi tipi ta' prekursuri (fil-kontenituri 20, 21 u 22 – 23.77 kg b'kollox).

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-imputat Peter Theuma kko-opera fl-investigazzjoni u fit-tfittxija tal-materjal fuq il-post[3], u indika lill-espert Patrick Vella waqt l-access, illi xi sustanza minn dawk li gew elevati m'hijiex materjal li jintuza fix-xoghol tan-nar izda huwa velenu tal-grieden[4]. Din l-osservazzjoni giet eventwalment affermata mill-analizi li ghamel l-espert tal-kimika Dr. Daniel Vella[5].

Minn ezercizzju komparattiv semplici bejn ir-rizultat tal-analizi kondotta mill-espert pirotekniku u l-espert fil-kimika, rispettivament, huwa evidenti li l-analizi maghmula mill-espert pirotekniku hija konfortata pjenament mill-konkluzjonijiet tal-espert tal-kimika li stabbilixxa illi l-kampjuni mghoddija lilu ghall-analizi jikkonsistu fl-istess sustanzi kimici indikati fir-rapport ta' Patrick Vella[6].

[3] Ara xhieda ta' Simon Grech, 21 ta' Frar 2019.
[4] Ara fol. 106.
[5] Ara fol. 72.
[6] Ara fost ohrajn, Tabella 3 a fol. 70 tar-rapport ta' Dr. Daniel Vella, kif imqabbla mat-Tabella 3 fil-paragrafu 9 tar-rapport ta' Patrick Vella.

Minn dan m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-materjal kollu li nstab u gie elevat mill-fond indikat fic-citazzjoni huwa materjal konsistenti f'sustanzi uzati jew mahduma biex jipproducu rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzzjoni jew b'effett pirotekniku u ghalhekk, jaqa' abbundantement taht definizzjoni ta' splussiv ai fini Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta[7] ["l-Ordinanza"].

**L-Ewwel u t-Tielet Imputazzjoni**

Qabel xejn, il-Qorti tibda biex tosserva illi ghandu jkun minnufih eskluz li tista' tinstab htija fl-imputati li **dahhlu f'Malta** porvli tal-isparar jew li **zammew ghall-bejgh** porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal-Pulizija, kif addebitat lilhom f'parti mill-ewwel imputazzjoni, u fit-tielet imputazzjoni, rispettivament. Il-Qorti fliet il-provi u l-atti kollha u ma riskontrat ebda hjiel ta' xi prova li b'xi mod tissostanzja, imqar remotament, dawn iz-zewg akkuzi. Kemm hu hekk, apparti fic-citazzjoni, fl-atti ma hemm ebda accenn jew allegazzjoni kwalsiasi li l-imputati wettqu dawn l-attivitajiet partikolari, wisq anqas li ghamlu hekk minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

B'zieda ma' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li tista' ssib htija, la fl-imputat Andrea Theuma u lanqas fl-imputat Peter Theuma, ghar-reati li jinsabu mixlija bihom fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

Il-Qorti tqis illi ghandha tikkunsidra dawn l-imputazzjonijiet flimkien ghaliex huwa manifest li r-reati addebitati lill-imputati f'dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, ghandhom in komun l-element materjal konsistenti **fin-nuqqas ta' licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija**. Il-Qorti fehmet illi l-attivitajiet ravvizati fl-artikoli tal-ligi li joholqu r-reati in dizamina[8], m'humiex necessarjament attivitajiet illegali, u ma jitwettqux bi ksur tal-Ordinanza, **hlief**

[7] Artikolu 2 tal-Ordinanza.
[8] Art. 3 u Art. 9 tal-Ordinanza.

f'kaz li jintwera illi dawn saru minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija moghtija ghall-fini tal-Ordinanza.

L-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, taddebitalhom ir-reat taht l-Artikolu 3 tal-Ordinanza:-

**3.** *(1) Ħadd ma jista' jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, inkella jiftaħ jew iżomm fabbriki tal-polvri jew ta' xogħlijiet tan-nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplożivi oħra,* ***mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija***[9].

It-tielet imputazzjoni taddebita lill-imputat r-reat taht l-Artikolu 9 tal-Ordinanza:-

**9.** *(1) Ħadd ma jista' jżomm għal bejgħ jew jaħżen porvli tal-isparar jew esplożivi* ***mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija***[10].

Minn dan hu ovvju li biex jissussisti r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 9 tal-Ordinanza, jehtieg li s-soggett attiv ikun fetah jew zamm fabbrika tal-porvli jew xogholijiet tan-nar, jew hazen jew zamm ghall-bejgh, porvli tal-isparar jew esplozivi, minghajr licenza mahruga ghall-fini tal-Ordinanza. Dan ifisser li n-nuqqas ta' licenzja li tawtorizza lill-imputati, jew min minnhom, li jwettqu l-attivitajiet li l-ligi altrimenti tivvjeta, huwa element kostituttiv tar-reati addebitati lill-imputati fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, b'dan illi l-agir addebitat lill-imputati ma jistax jitqies li jikkostitwixxi reat ghall-fini ta' dawn id-dispozizzjonijiet legali purche` dan jitwettaq minghajr il-licenzja mehtiega. Il-Qorti tqis illi jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-elementi materjali kostituttivi **kollha** tar-reati addebitati lill-imputati, fosthom ghalhekk il-prova li l-agent tar-reat agixxa minghajr ma kien kopert b'licenzja mahrug ghall-fini tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi.

[9] Enfasi tal-Qorti.
[10] Enfasi tal-Qorti.

Madanakollu, il-prova dwar jekk l-imputati jew min minnhom ma kienux fil-pussess ta' licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija b'validita` ghall-perijodu taz-zmien indikat fic-citazzjoni, baqghet ma ngabitx. L-uniku hjiel ta' prova li tinsab in atti hija semplici fotokopja ta' dokument riprodott fl-Appendici 1 tar-rapport[11] tal-espert pirotekniku Patrick Vella, liema dokument, oltre li jidher li huwa intestat lil Peter Theuma, ma fih ebda indikazzjoni kwalsiasi ta' x'hiex jirrapprezenta, minn min inhareg u xi drittijiet jikkoncedi lid-detentur tieghu. Barra minn hekk, l-espert Patrick Vella imkien ma fisser kif kiseb kopja ta' dan id-dokument jew min tahulu. Ghalkemm huwa minnu li dan l-espert inghata l-fakolta` biex jisma' x-xhieda bil-gurament bhala parti mill-inkarigu tieghu fl-Inkjesta Magisterjali, mir-rapport tieghu ma jirrizultax li huwa sema' xi xhieda bil-gurament u konsegwentement, zgur li m'huwiex ippruvat li dan id-dokument inghadda lill-espert mill-imputat Peter Theuma. Izda fi kwalsiasi kaz li jkun, ma jirrizultax illi l-imputat, qabel intalab jaghti, jew offra, xi informazzjoni lill-espert, inghata xi twissija dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-drittijiet legali ohra tieghu, galadarba hu kien qieghed evidentement jitqies bhala suspettat fil-kommissjoni ta' reati taht l-Ordinanza. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx li tista' taghti valur probatorju lid-dokument fl-Appendici 1 tar-rapport tal-espert pirotekniku.

Il-Qorti kkunsidrat illi huwa wiehed mill-principji kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija, il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha, kif kull prova, kemm dik favur u kemm kontra l-persuna imputata. Dan il-principju huwa rifless ukoll fl-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jesigi li "*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti*".

[11] Pagna 14 tar-rapport, fol. 115.

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti tifhem illi l-ahjar prova u l-iktar prova shiha li kienet tinkombi lill-Prosekuzzjoni tressaq fir-rigward, tikkonsisti fix-xhieda ta' addett tal-ufficcju tal-licenzi li jinhargu ghall-fini tal-Ordinanza, jew ta' rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li jiddikjara x'licenzi kellhom jew ma kellhomx l-imputati u f'kaz affermattiv, ghal liema attivitajiet, postijiet u zmien, kif ukoll taht liema kundizzjonijiet, inhargu dawn il-licenzi. Din il-prova madanakollu, hija palezement mankanti fl-atti.

Huwa risaput illi huwa d-dover tal-Prosekuzzjoni li tipprova il-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-imputat ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il-provi prodotti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, gie ritenut hekk in propositu:-

*"Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u*

*l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.*

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz in dizamina, il-Qorti tosserva li mhux talli ma ngabitx prova - wisq anqas l-ahjar prova - dwar jekk l-attivitajiet addebitati lill-imputati kienux koperti b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, kif tesigi l-ligi, talli anke jekk il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni u taghti xi valur probatorju lill-kopja tad-dokument riprodott fl-Appendici 1 tar-rapport tal-espert pirotekniku Patrick Vella u kieku dan kellu, ghal moment, jitqies bhala rapprezentanti xi licenzja mahruga ghall-finijiet tal-Ordinanza, fi kwalunkwe kaz jonqos il-prova dwar it-termini u kundizzjonijiet formanti parti minn din il-licenza, galadarba hu evidenti li l-licenzji tan-nar jistghu jigu moghtija specifikatament kwantu ghal certu xorta jew kwantita` ta' splussivi jew limitatament b'rabta ghal postijiet specifikati[12].

Izda kif diga` nghad, il-Qorti ma hija xejn affattu sodisfatta li d-dokument muri fl-Appendici 1 tar-rapport ta' Patrick Vella jikkostitwixxi prova tan-nuqqas ta' licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-imputati jew min minnhom ghat-twettiq legali tal-attivitajiet imsemmija fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti tqis illi fil-mankanza tal-prova kardinali li kellha tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-imputati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, ma tistax issib htija fl-imputati ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputati gew mixlija illi hadmu "*porvli tal-isparar jew ippreparaw dak ix-xoghol f'post iehor li ma kienx fabbrika tan-nar, jew f'fabbrika ohra, f'post li ma kienx fabbrika ohra li jkollha*

[12] Ara *inter alia,* Artikolu 5 u Artikolu 10(2) tal-Ordinanza.

*l-licenzja taht l-Ordinanza dwar l-esplossivi".* Din l-imputazzjoni, ghalkemm ma gietx imfassla b'mod daqshekk felici, jidher li hija msejsa fuq is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Ordinanza li jiddisponi testwalment, hekk:-

*(2) Ħadd ma jista' jaħdem porvli tal-isparar jew jipprepara dak ix-xogħol* ***ħlief f'fabbrika tal-porvli li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza****, u ħadd ma jista' jaħdem xogħlijiet tan-nar jew porvli esploživ, jew esplożivi oħra,* ***ħlief f'fabbrika tax-xogħolijiet tan-nar, jew f'fabbrika oħra għax-xogħol ta' porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, li jkollha l-liċenza taħt din l-Ordinanza****.*[13]

Huwa minnufih evidenti illi l-ligi tesigi illi kull post fejn jinhadmu l-porvli, esplosivi ohra jew xogholijiet tan-nar tkun koperta b'licenza taht l-Ordinanza. Izda hawnhekk ukoll, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar il-licenzi li seta' kellhom l-imputati jew min minnhom biex jahdmu l-porvli jew xogholijiet tan-nar fil-post indikat fic-citazzjoni.

Huwa minnu illi fir-rapport tieghu, l-espert pirotekniku Patrick Vella kkonkluda illi "*fil-post in kwistjoni kienet qieghda ssir manifattura illegali tax-xoghol tan-nar li tinkludi l-manifattura kompluta ta' musketterija, manufattura ta' stilla u funtani*"[14], liema konkluzjoni hu bbazaha fuq l-osservazzjoni illi dan il-post m'huwiex fabbrika tax-xogholijiet tan-nar li tissodisfa r-rekwiziti tal-Ordinanza. Ghalkemm il-Qorti tqis illi fi kwalsiasi kaz, il-prova tan-nuqqas tal-licenza kienet indispensabbli biex tista' tinstab htija ghar-reat fit-tieni imputazzjoni, ghall-kompletezza sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

L-espert pirotekniku ma indikax espressament liema rekwiziti ma gewx sodisfatti biex wasal ghall-konkluzjoni illi l-post in kwistjoni ma jissodisfax il-htigijiet tal-Ordinanza kif elenkati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Ordinanza, u ma

[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Para. 31 f'pagna 11 tar-rapport.

qalx lanqas ghaliex fil-fehma tieghu l-post in kwistjoni ma huwiex fabbrika tan-nar.

Izda ghall-kompletezza, il-Qorti tosserva illi fost il-kriterji elenkati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4, wiehed isib li ghall-ftuh ta' fabbrika tal-porvli jew fabbrika fejn jinhadmu l-esplozivi, il-fabbrika trid tkun imbeghda ghall-anqas 183 metru minn kull triq li minnha jghaddu l-vetturi bil-mutur[15]. Huwa minnu illi fir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina[16] gie kostatat illi l-binja li fiha nstabu l-esplosivi mertu ta' dawn il-proceduri, tinsab biss 15-il metru 'l boghod mit-triq[17] li tidher fir-ritratti a fol. 124 tal-atti, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx necessarjament illi l-post ma kienx munit b'permess. Kif gia` stabbilit, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova jekk il-post li fih allegatament l-imputat kien qed jahdem ix-xoghol tan-nar, kienx kopert o meno b'xi xorta ta' licenza mahruga taht l-Ordinanza. Konsegwentement, fic-cirkostanzi, kull konkluzjoni dwar jekk il-post kellux il-karatteristici mehtiega biex jistghu jittiehdu l-prekawzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4 biex jinfetah bhala fabbrika tal-porvli, tista' tkun ibbazata biss fuq kongetturi, anke ghaliex hu manifest li l-ligi tassoggetta d-decizjoni finali dwar il-mizura tat-tehid tal-prekawzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Ordinanzna, ghas-sodisfazzjon tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Inoltre, billi dan ir-rekwizit partikolari elenkat fl-Artikolu 4(a)(ii) tal-Ordinanza, gie introdott bl-Att IX tal-2018 li gie promulgat fit-3 ta' April 2018, cioe` fil-perijodu ta' zmien indikat fic-citazzjoni, il-Qorti thoss li ghandha tissenjala illi xejn ma jeskludi illi f'dan il-kaz, il-post in kwistjoni seta' kien munit b'permess mahrug **qabel** gie introdott dan ir-rekwizit partikolari u baqa' hekk licenzjat wara d-dhul fis-sehh ta' dan ir-rekwizit.

---

15 Art. 4(a)(ii).
16 Dok. RA1, fol. 92 *et seq*.
17 Ara skizz a fol. 94.

Izda minghajr il-prova tal-licenza o meno ghall-ftuh ta' fabbrika tal-porvli jew fabbrika ohra ta' din ix-xorta, liema prova, kif rajna, kienet tispetta lill-Prosekuzzjoni u zgur mhux lill-imputati, il-Qorti ma thossx li ghandha tasal ghal konkluzjonijiet ibbazati fuq kongetturi ghaliex dawn ma jistghu qatt jifformaw il-bazi ta' dikjarazzjoni ta' htija kriminali.

Ghaldaqstant, ma tistax tinstab htija fl-imputati ghar-reat addebitat lilhom fit-tieni imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet</u>**

Ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet jidher li huma msejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 18 rispettivament, tal-Ordinanza, liema dispozizzjonijiet jirregolaw kif ghandhom jinzammu l-esplozivi u l-porvli tal-isparar. Dawn jipprovdu hekk:-

***17.*** *L-esplożivi jew sustanzi li jaqbdu malajr ħafna għandhom dejjem jinżammu ġo reċipjenti li għalihom ma jistax in-nar u hekk bogħod mill-porvli tal-isparar jew mir-reċipjenti li fihom dan il-porvli jkun miżmum li ma jkunx hemm periklu.*

***18.*** *Kull kwantità ta' porvli tal-isparar ta' iżjed minn ħames mitt gramm użin għandha tinżamm ġewwa kaxxa, xkora jew reċipjent ieħor li jkunu ta' saħħa u magħmulin u magħluqin hekk tajjeb li l-porvli ma jkunx jista' joħroġ minnhom.*

Il-provi relevanti ghall-fini ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet jikkonsistu principalment fil-konkluzjonijiet rapportati mill-espert pirotekniku, Patrick Vella, li rrelata hekk in propositu:-

"*Bhala materjal splussiv li gie elevat instabet il-berqa, il-beraq tal-musketterija, ir-rollijiet tal-musketterija, il-porvli, ammont zghir ta' stilla, ammont zghir ta' funtani u diversi ammonti ta' tulijiet u bicciet tal-micca.*[18]

*Fir-rigward tal-beraq tal-musketterija dawn jikkonsistu minn skratac tal-kartun li jkunu mimlija bi splussiv maghruf bhala "berqa" liema splussiv normalment*

[18] Ir-rizultat tal-analizi li saret mill-espert pirotekniku, li kkostata li mill-post in kwistjoni gie elevat ammont ta' materjal splussiv, gie effettivament affermat mill-konkluzjonijiet tal-espert tal-kimika Dr. Daniel Vella fir-rapport tieghu, Dok. DV.

*ikun kompost minn postassium perchlorate u aluminium. Dan l-isplussiv huwa sensittiv hafna ghal heat, shock u friction u ghandu karatteristici simili hafna tal-high explosives. Dan il-materjal jisplodi istantanjament meta jigi mqabbad.*

*Fir-rigward tar-rollijiet tal-musketterija lesta biex tinharaq, il-process huwa l-istess ghal [sic.] dak tal-beraq tal-musketterija ...*

PC 1042 ukoll xehed fir-rigward u qal hekk:-

"*... dhalna u rajna musketterija nofsa marbuta u nofsa ... fuq il-mejda. Ghall daqstant ghidna lilu u kien hemm huh fl-ewwel kamra, ghidnilhom sabiex johorgu l-barra sabiex nevitaw il-periklu u cempilna l-EOD biex jigu fuq il-post. ... Fl-ewwel kamra instabet kaxxa musketterija....*"[19]

Minn ezami tar-ritratti formanti parti mir-rapport ipprezentat minn PS 385 Edgar Dalli li kien mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali dwar dan il-kaz - liema ritratti ttiehdu fuq struzzjonijiet tal-espert pirotekniku u jindikaw l-oggetti kontenenti l-materjal suspettat li kien illegali li nstab fil-post waqt l-ispezzjoni - jirrizulta manifestament illi kwantita` sostanzjali mill-materjal splussiv fuq deskritt, konsistenti *inter alia* f'diversi rollijiet tal-musketterija lesta biex tinharaq u beraq tal-musketterija[20], **kienet mizmuma gewwa kaxxi tal-kartun**[21].

Dan stabbilit, il-Qorti hija sodisfatta illi hemm bizzejjed provi biex tinstab htija taht l-Artikolu 29 minhabba ksur tal-Artikolu 17 tal-Ordinanza. Kif rajna, il-materjal deskritt fir-rapport tal-espert pirotekniku Patrick Vella bhala materjal splussiv, jinkwadra fid-definizzjoni ta' "esplozivi" taht l-Artikolu 2 tal-Ordinanza, ghaliex it-terminu "esploziv" jinkludi "*... kull sustanza oħra ... użata jew maħduma sabiex tipproduċi riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett pirotekniku*". Fil-fatt, l-espert pirotekniku ddeskriva *inter alia* ir-rollijiet tal-musketterija "*lesta biex tinharaq*" u l-beraq tal-musketterija, bhala materjal li jisplodi istantanjament meta jigi mqabbad. **Il-korollarju ta' dan huwa illi z-**

[19] Xhieda 25 ta' Ottubru 2020.
[20] *"... dawn jikkonsistu fi skartac tal-kartun li jkunu mimlija bl-isplussiv ..."*
[21] Ara ritratti a fol. 149 sa 152, 176 sa 183, 186 u 187, Dok. ED1.

**zamma ta' dawn l-esplozivi f'kontenituri tal-kartun li evidentement m'humiex recipjenti li ma jistghux ghan-nar, hija bi ksur tal-Artikolu 17**.

Ghaldaqstant, jekk jintwera illi kienu l-imputati jew min minnhom li effettivament zammew l-esplozivi in kwistjoni fil-post indikat fic-citazzjoni, dak li jkun ghandu jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Hawnhekk ikun opportun illi jsiru s-segwenti osservazzjonijiet dwar f'min mill-imputati effettivament tista' tinstab htija ghar-reat taht l-Artikolu 17 tal-Ordinanza.

L-imputati ma xehdux quddiem il-Qorti izda l-imputat Andrea Theuma rrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, fejn huwa ddikjara li dak il-hin meta waslu l-ufficjali tal-Pulizija fuq il-post, hu kien ma' huh u kien ilu hemmhekk xi minuta biss qabel dahlu l-Pulizija. Stqarr ukoll li hemmhekk imur biex jahdem ir-raba' xi darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha, u dejjem jitlaq ghall-habta ta' nofsinhar jew is-1.00 p.m. Kif dahlu l-Pulizija huwa mill-ewwel qalilhom ma ghandux x'jaqsam xejn mal-porvli li nstab fil-post.

Fir-rigward, l-Ispettur Roderick Attard, ghalkemm xehed[22] illi hekk kif hu dahal fil-post ra illi "*dawna kienu qed jaghmlu l-musketterija*" - prezumibbilment b'referenza ghaz-zewg imputati - sussegwentement fix-xhieda tieghu fuq domanda tal-Qorti, qal illi dak il-hin meta mar fuq il-post, l-imputat Andrea Theuma kien qallu "*li hu m'ghandux x'jaqsam xejn*". Afferma wkoll l-istess xhud illi jiftakar li dak il-hin l-imputat l-iehor, Peter Theuma, kien qallu li huh ma ghandux x'jaqsam "*Niftakru jghidulna*".

[22] Xhieda 25 ta' Ottubru 2018.

Dan premess u stabbilit, kwantu ghall-involviment tal-imputat Andrea Theuma fil-fatti li taw lok ghall-bqija tal-imputazzjonijiet li ghandha quddiemha, u b'zieda mal-kunsiderazzjonijiet li gia` ghamlet s'issa, il-Qorti ma thossx illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jwassluha ghal dak il-konvinciment morali mehtieg ghas-sejbien ta' htija f'dan l-imputat ghar-reati lilu addebitati f'dawn il-proceduri. Ghad huwa tassew instab flimkien ma' huh fil-post fejn gie riskontrat il-materjal esploziv fil-hin li waslu l-Pulizija, il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-fatt wahdu li Andrea Theuma inzerta li kien prezenti fil-post dak il-hin li saret l-ispezzjoni mill-Pulizija, jista' jitqies bhala prova konklussiva li huwa hadem, ipprepara, hazen, garr jew zamm il-materjal splussiv li nstab fil-post bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza. Tqis illi l-presenza tal-imputat Andrea Theuma fuq il-post fil-hin li nstab il-materjal splussiv u l-materjal iehor li juri li kien qed isir preparazzjoni ta' xogholjiet prioteknici, kellha tkun sorretta minn provi diretti jew cirkostanzjali ohrajn li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka li dan l-imputat kien ippartecipa bhala awtur jew bhala komplici, fil-kommissjoni tar-reati lilu addebitati fic-citazzjoni.

Illi ma hemmx dubju illi l-materjal splussiv instab f'post li l-imputat Andrea Theuma *ex admissis*, jiffrekwenta u li fih ukoll instab meta l-Pulizija investigaw ir-rapport li rcevew fir-rigward, izda dan m'huwiex bizzejjed fil-kamp penali biex twassal ghal pronunzjament ta' htija kriminali ghar-reati addebitati lilu, anke ghaliex irid jirrizultaw ukoll l-elementi l-ohrajn li komplessivament isawwru dawn ir-reati. Il-Qorti tqis illi fiha nnifisha, ix-xjenza fl-allegat agent tar-reat, dwar **il-ksur minn terzi tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Ordinanza**, mhijiex sufficjenti[23] ghaliex il-ligi tehtieg il-prova ta' att pozittiv konsistenti fil-garr, manifattura, preparazzjoni, bejgh jew hazna, fost ohrajn, bhala wiehed mill-elementi materjali tar-reati. Fil-konfront tal-imputat Andrea Theuma izda, il-Qorti ma rriskontrat ebda prova konkreta u konklussiva ta' xi att

[23] Hlief ghall-fini tar-reat taht l-Artikolu 28 tal-Ordinanza.

pozittiv minn dawk imsemmija, li torbtu mal-kommissjoni tar-reati, prova li trid issir mill-Prosekuzzjoni ghax hi qed tallega li kkommetta dawn ir-reati.

B'zieda ma' dan, ic-cahda enfatika kif ukoll konsistenti tal-istess imputat dwar l-involviment tieghu fix-xoghol pirotekniku, sostanzjata mid-dikjarazzjoni ta' huh a *tempor vergine* affermata wkoll mill-Ispettur Roderick Attard fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, iwassluha sabiex tqis illi fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, il-verzjoni tal-imputat Andrea Theuma li huwa ma ghandux involviment fil-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni, hija wahda verosimili u tinstawara f'mohh il-Qorti dak id-dubju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Ma jirrizultax li gew kondotti xi investigazzjonijiet ulterjuri mill-Pulizija bil-ghan li jigi stabbilit jekk il-prezenza o meno tal-imputat Andrea Theuma fuq il-post in kwistjoni, setghetx kienet effettivament marbuta mal-kommissjoni ta' reati taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tifhem illi f'dawn ic-cirkostanzi, senjatament ic-cahda spontaneja u immedjata taz-zewg suspettati li l-imputat Andrea Theuma kellu x'jaqsam max-xoghol pirotekniku u l-attivitajiet riskontrati waqt l-ispezzjoni, xi xorta ta' investigazzjoni *ad hoc* fir-rigward, oltre ghall-presenza tieghu fuq il-post, kienet ferm indikata sabiex tista' titmexxa 'l quddiem b'mod serju, l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat Andrea Theuma.

Ghaldaqstant, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti hija ferm 'il boghod milli tkun moralment konvinta bil-partecipazzjoni tal-imputat Andrea Theuma fil-fatti li fuqhom jinsabu msejsa l-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-imputat Peter Theuma, il-Qorti tosserva illi l-ligi ma tikkwalifikax min ghandu jitqies bhala persuna li effettivament izzomm esplovizi ghall-fini tal-

Artikolu 18 tal-Ordinanza, izda minn ezami tad-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I hija logika l-konkluzjoni li **persuna li zzomm materjal esplosiv, hija dik il-persuna li taghmel uzu minnu, tahdmu, tippreparah jew tbieghu**. Kif diga` stabbilit, il-fatt li persuna tkun konsapevoli li qed jinzammu esplovizi gewwa l-post bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, mehud wahdu, ma jistax iservi bhala l-bazi unika ta' sejbien ta' htija ta' dik il-persuna.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi mix-xhieda jirrizulta illi l-imputat Peter Theuma ikko-opera mal-Pulizija waqt l-ispezzjoni li kkonducew fil-post fejn instabu l-esplozivi, u ghen kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-espert pirotekniku fit-tfittxija ghall-materjal splussiv fuq il-post. Ghalkemm l-imputat mhux tenut li jichad li kellu xi rabta mal-esplozivi li nstabu fil-post, il-Qorti tosserva illi l-Ispettur Roderick Attard xehed illi meta dahal fil-post sab lill-imputati jahdmu l-musketterija. Huwa evidenti wkoll illi l-istess imputat, Peter Theuma, kien konsapevoli tal-konsistenza tal-materjal li kien qed jigi elevat waqt l-ispezzjoni, tant illi indika huwa stess liema materjal ma kienx materjal splussiv[24].

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija konvinta illi dan il-materjal esploviz kien qed jinzamm fil-post in kwistjoni, ghall-finijiet tal-Ordinanza, mill-imputat Peter Theuma. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha indipendentement minn kull dikjarazzjoni bhal dawk li saru mill-espert pirotekniku u l-espert tal-kimika fir-rapporti taghhom, fejn iddeskrivew lill-imputat Peter Thuema bhala sid il-post minghajr ma ntqal kif waslu ghal din il-konkluzjoni, kif ukoll indipendentement minn kull dikjarazzjoni li seta' ghamel l-imputat l-iehor Andrea Theuma dwar l-involviment ta' huh fir-reati li jinsabu mixlijin bihom f'dawn il-proceduri. Dan ghaliex dak li jghid imputat fil-konfront ta' ko- akkuzat ma jorbotx lil ko-akkuzat u ghalhekk dak li jghid akkuzat jghodd biss fil-konfront tieghu:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova*

[24] Dan jirrizulta li kien velenu ghall-grieden u mhux sustanza esploziva.

*kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[25].

**Ghaldaqstant, abbazi tal-kunsiderazzjonijiet maghmula, il-Qorti tqis li l-imputat Peter Theuma ghandu jinstab hati tar-raba' imputazzjoni cioe` talli zamm esplozivi bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Ordinanza.**

**Il-Hames Imputazzjoni**

Applikata din il-konkluzjoni wkoll ghall-finijiet tal-Artikolu 18, li fuqu jidher li hija bbazata l-hames imputazzjoni, mill-provi jirrizulta illi l-imputat Peter Theuma effettivament zamm porvli tal-isparar (*gunpowder*) gewwa kontenituri tal-plastik ossia bramel, bi piz komplessiv ta' ferm iktar minn 500 gramma[26]. Fir-rapport tal-espert tal-kimika Dr. Daniel Vella[27] gie affermat li l-materjal li nstab f'dawn il-bramel jikkonsisti f'porvli izda ma jirrizultax illi l-porvli instabu f'xi kaxxa jew kontenitur iehor hlief fl-ghaxar bramel tal-plastik indikati f'Tabella 1 fir-rapport tal-espert pirotekniku.

Il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm huwa evidenti li l-kwantita` ta' porvli li nstabet f'dawn il-bramel jeccedi l-ammont ta' 500 gramma uzin, ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-porvli li nstabu kienu mizmumin gewwa recipjent li ma huwiex b'sahhtu bizzejjed jew li ma kienx maghluq tajjeb. Wara kollox, il-ligi kull ma tesigi huwa li l-porvli jinzammu gewwa kontenitur li huwa maghmul b'mod li jista' jinghalaq tajjeb u dan unikament ghall-fini li l-porvli ma jkunux jistghu johorgu minnu. Imkien ma

[25] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.
[26] Ara pagna 5, kif ukoll Tabella 1 f'pagna 4 tar-rapport ta' Patrick Vella, fol. 104 u 105.
[27] Ara Tabella 3 fir-rapport Dok. DV (fol. 70) kif imqabbla mat-Tabella 1 u Tabella 3 fir-rapport Dok. PV1 (fol. 105 u 107). Il-kontenut tal-kontenituri rispettivament immarkati 4D, 4E, 6, 7 u 8 nstab li huwa porvli (gunpowder).

jirrizulta illi l-bramel f'dan il-kaz li fihom instabu l-porvli ma jinghalqux tajjeb jew li l-porvli effettivament seta' johorg minnu u l-espert pirotekniku ma ghamel ebda osservazzjoni fir-rigward[28]. Bl-applikazzjoni tal-principju *in dubio pro reo*, il-Qorti tqis illi ma tistax tinsab htija fl-imputat Peter Theuma ghal xi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Ordinanza.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Bis-sitt imputazzjoni mbaghad, l-imputati gew mixlija li, bi ksur tad-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza, "*zammew*" fid-dar taghhom jew f'xi post iehor, jew ikkunsinnaw lil persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmija fl-Artikolu 6 tal-Ordinanza. Din l-imputazzjoni jidher li hija msejsa fuq l-Artikolu 29 li jipprovdi illi huwa hati ta' reat kull min, **kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza**, iżomm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, jaħdem, ibiegħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-Artikolu 6.

L-Artikolu 6 jaghmel referenza ghas-segwenti sustanzi:-

*(1) ... dinamite, ta' gun-cotton ta' fulminat tal-merkurju jew fulminati oħra, pikrati, sustanzi li għandhom bħala bażi prinċipali n-nitrogliċerina, jew* ***sustanzi oħra li meta mħalltin ma' oħrajn jew waħedhom jistgħu jipproduċu effetti bħal dawk tad-dinamite jew ta' waħda mis-sustanzi msemmijin fl-artikolu 2****...* [enfasi tal-Qorti][29]

Issa fil-kaz in dizamina, ghad m'hemm l-ebda prova fl-atti illi l-imputati kkunsinnaw lil terzi mhux awtorizzati xi materjal minn dak imsemmi fl-Artikoli

[28] Skont l-Artikolu 21, il-porvli ghandhom jinzammu *inter alia*, f'barmil, ghall-fini tal-garr.

[29] L-Artikolu 2 imbaghad isemmi:- *"porvli tal-isparar … u kull sustanza oħra, sew bħal dawk hawn imsemmija jew xort'oħra, użata jew maħduma sabiex tipproduċi riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali taċ-ċpar, xogħlijiet tan-nar, miċeċ, murtali tal-ftuħ, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skrateċ, munizzjon ta' kull xorta, u kull adattament jew preparazzjoni ta' esploživ kif imfisser hawn fuq"*

2 u 6 tal-Ordinanza, huwa indiskuss illi fil-post imsemmi fic-citazzjoni, kienu qed jinzammu porvli tal-isparar u esplozivi ohrajn, kif ukoll prekursuri li kjarament jinkwadraw fl-iskop tal-Artikolu 29.

Izda l-Qorti fliet id-dispozizzjonijiet kollha tat-Taqsima I tal-Ordinanza u mkien ma riskontrat xi diposizzjoni li tqis is-semplici "*zamma*" ta' porvli tal-isparar jew sustanzi ohrajn imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ordinanza - diversament mill-preparazzjoni, manifattura jew hazna tal-istess - f'post li m'huwiex fabbrika licenzjata, bhala attivita` li tehtieg licenzja jew permess *ad hoc*[30]. Infatti, jirrizulta illi l-htiega specifika ta' licenzja biex jingarru jew "*jinzammu*" esplozivi, tnehhiet bit-thassir tal-Artikolu 16 tal-Ordinanza bl-Att XX tal-2012. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tidentifika, mill-imputazzjoni kif imfassla, b'liema ksur tat-Taqsima I jinsab mixli bih l-imputat u effettivament, liema reat qed jigi addebitat lill-imputat, **hlief xi ksur tal-Artikoli 9, 10, 17 u 18 tal-Ordinanza**.

Jekk is-sitt imputazzjoni kellha titqies bhala wahda li taddebita lill-imputati ksur tal-obbligu li jzommu il-porvli tal-isparar fil-mod kif indikat fl-Artikolu 17 jew l-Artikolu 18 tal-Ordinanza, jigi osservat illi dan il-ksur diga` gie addebitat lill-imputati permezz tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet. L-istess jghodd ghall-attivita` konsistenti fil-hazna tal-porvli tal-isparar jew esplozivi, prospettata fl-Artikoli 9 u 10 tal-Ordinanza, liema reat l-imputati gew mixlija bih fit-tielet imputazzjoni.

Ghall-kompletezza, il-Qorti tosserva wkoll illi mill-mod kif giet imfassla s-sitt imputazzjoni, ma jirrizultax li din tista' tinkwadra fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28 tal-Ordinanza, ghaliex l-imputati mhuwiex qed jigu akkuzati li "*xjentement halla li fond li tieghu jkun detentur jew ikollu l-hsieb*

[30] Il-licenzja msemmija fl-Artikolu 5 biex jinzammu l-porvli tal-isparar jew esplozivi, hija dik mehtiega f'postijiet bil-licenzja fejn isiru l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3, cioe` manifatturar u preparazzjoni ta' esplozivi.

*jew il-kustodja, jigi wzat sabiex jinzammu jew jinhadmu fih porvli tal-isparar, esplozivi jew xogholijiet tan-nar kontra d-dispozizzjonjiet ta' din l-Ordinanza".* Huwa minnu illi l-Qorti qieghda ssib lill-imputat Peter Theuma hati li zamm porvli tal-isparar bi ksur tad-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza meta jirrizulta li dawn inzammu gewwa recipjent mhux konformi mad-dettami tal-Artikolu 17, izda bl-ebda tigbid tal-kliem tas-sitt imputazzjoni jew xi imputazzjoni ohra fic-citazzjoni, ma jista' jikkonfigura fihom specifikatament ir-reat prospettat fl-Artikolu 28 tal-Ordinanza.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputati ghas-sitt imputazzjoni.

**<u>Is-Seba' Imputazzjoni</u>**

Is-seba' imputazzjoni taddebita lill-imputati li, bi ksur tad-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza, garrew minn post għall-ieħor porvli tal-isparar jew esplożivi minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-imputazzjoni jidher li hija msejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Ordinanza li jipprovdi li huwa hati ta' reat "*kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iġorr minn post għall-ieħor porvli tal-isparar jew esplożivi.*"

Issa minn harsa lejn id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza, jirrizulta li l-htiega ta' licenzja ghall-garr ta' esplozivi tnehhiet bit-thassir tal-Artikolu 16[31] permezz tal-Att XX tal-2012. Il-Qorti, billi ma rriskontrat ebda dispozizzjoni ohra fit-Taqsima I tal-Ordinanza li tesigi l-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija specifikatament ghall-garr ta' esplozivi, tqis illi l-Ordinanza ma ghadhiex tqis bhala reat il-garr tal-esplosivi minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif addebitat fis-seba' imputazzjoni. Izda, fi kwalunkwe kaz, anke jekk jehtieg permess specifiku ghall-garr ta' esplozivi, il-Prosekuzzjoni ghal darb'ohra naqset milli tressaq il-prova kardinali konsistenti fix-xhieda ta' rapprezentant tal-

---

[31] In-nota marginali taqra: *Licenza biex jinzammu jew jingarru esplosivi*.

Kummissarju tal-Pulizija li jikkonferma li l-imputati ma ghandhomx permess biex igorru esplozivi fil-perijodu indikat fic-citazzjoni.

Ghall-bqija, jidher illi d-dispozizzjonijiet tal-isemmija Taqsima I li jirregolaw il-garr tal-esplozivi huma dawk tal-Artikolu 21, li jipprovdi dwar is-sarr fil-garr tal-porvli tal-isparar. Madanakollu, ma tressqu ebda provi mill-Prosekuzzjoni li l-imputati garrew minn post ghal iehor, porvli tal-isparar. Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova kellha tingieb permezz ta' evidenza li turi li fil-vettura tal wiehed jew entrambi l-imputati, instabu porvli tal-isparar mhux mizmumin fil-kwantitajiet u fis-sarr specifikati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 21. Izda f'dan il-kaz, ix-xhieda mressqin mill-Prosekuzzjoni xehdu li mit-tfittixija li saret waqt l-ispezzjoni tal-1 ta' Settembru 2018, ma nstabu l-ebda tracci ta' porvli jew esplosivi fil-vettura tal-imputat Peter Theuma li kienet fuq il-post. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tressaq provi li juru li nstabu esplozivi f'xi vettura ohra tal-imputati jew esplosivi ippakkjati f'sarr li mhux konformi mal-provvedimenti tal-Artikolu 21. Fuq kollox, ma jirrizultax lanqas li l-Pulizija spezzjonat xi mezz ta' transport iehor hlief il-vettura PJT-149 tal-imputat Peter Theuma.

Huwa minnu illi l-espert pirotekniku, Patrick Vella, fir-rapport tieghu wasal ghall-konkluzjoni illi peress illi l-porvli jridu jinhadmu go molassi jew bettija, u dawn l-ingenji ma nstabux fuq il-post u ma nstabx lanqas tracca li setghu kienu fil-post precedentement, dan ifisser illi l-porvli nhadmu f'post iehor u ngiebu ossia gew trasportati ghall-post fejn effettivament instabu. Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi din il-konkluzjoni tal-espert pirotekniku m'hijiex ibbazata fuq provi diretti izda fuq evidenza cirkostanzjali, cioe` l-assenza ta' tracca fil-post spezzjonat, li turi li kien hemm xi darba l-ingenji li jintuzaw ghall-preparazzjoni ta' porvli tal-isparar. Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti, mehud wahdu, in-nuqqas ta' tracca li xi darba kien hemm il-makkinarju msemmi mill-espert pirotekniku, minghajr ebda spjegazzjoni ghaliex dak il-makkinarju kellu jhalli hjiel ta' xi prezenza antecedenti tieghu fil-post, u minghajr ebda korroborazzjoni minn xi

prova diretta jew cirkostanzjali ohra, m'huwiex konklussiv bizzejjed biex iwassal ghall-konkluzjoni univoka u wahdanija li l-porvli tal-isparar ingarr mill-imputati jew min minnhom minn post ghal iehor, wisq inqas li l-porvli tal-isparar ingarru bi ksur ta' wiehed mid-dispozizzonijiet li jirregolaw is-sarr waqt il-garr tal-porvli. Dan ifisser illi ma saritx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, dwar il-htija tal-imputati taht l-Artikolu 30 tal-Ordinanza.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti ma tarax kif tista' ssib htija fl-imputati ghas-seba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45A(1)(a) u 45A(1)(b) tal-Ordinanza, kif mitluba fic-citazzjoni, dan jipprovdi hekk:-

***45A.*** *(1) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha, jew f'xi żmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni:*
*(a) meta tkun ġiet użata xi proprjetà immobbli għall-manifattura, bejgħ, wiri għall-bejgħ, jew ħażna ta' esplożivi kif imfisser fl-att tal-akkuża jew fl-akkuza, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull titolu fuq il-proprjetà li l-persuna li tinsab ħatja jkollha fuq dik il-proprjetà immobbli;*
*(b) meta l-persuna li tinsab ħatja ma tkunx is-sid assolut iżda jkollha titolu ieħor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollha titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjetà, li bis-saħħa tiegħu jkollha l-kontroll fuq, jew dritt ta' aċċess għal, dik il-proprjetà, il-qorti għandha tordna li l-persuna li tinsab ħatja tħallas multa ta' mhux anqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) kif tistabbilixxi l-qorti wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-proprjetà, jekk ikun hemm, li jkun ġie konfiskat kif imsemmi qabel…*

Minnufih il-Qorti tosserva illi mkien fis-sentenza gie stabbilit illi giet użata xi proprjetà immobbli **għall-manifattura, bejgħ, wiri għall-bejgħ, jew ħażna ta' esploživi**. Fil-fatt, ebda wiehed mill-imputati ma nstab hati tar-reati addebitati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet[32], jew tar-reati addebitati fit-tielet

[32] Manifattura ta' esplozivi.

imputazzjoni[33]. Ghaldaqstant, huwa manifest illi t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 45A(1)(a) ma tistax tintlaqa'.

Kwantu ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45A(1)(b) tal-Ordinanza, ghall-Qorti hu evidenti li biex tintlaqa' din it-talba, jehtieg li tkun ingiebet prova li l-persuna li tkun instabet hatja ta' reat kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, f'dan il-kaz l-imputat Peter Theuma, ikollha xi xejra ta' titolu fuq il-proprjeta` li fiha twettaq ir-reat, liema titolu anke jekk ma jkunx titolu fuq il-proprjeta`, ikun wiehed li bis-sahha tieghu l-hati jkollu kontroll fuq, jew dritt ta' access ghal, dik il-proprjeta`. Issa fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset b'mod assolut milli tressaq provi dwar ix-xorta ta' titolu li seta' kellu l-imputat Peter Theuma fuq il-proprjeta` msemmija fic-citazzjoni u li fiha giet ippruvata li kien qed jinzamm il-materjal splussiv bi ksur tad-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza.

Kwantu ghad-dikjarazzjonijiet li saru fir-relazzjonijiet tal-esperti mahturin fl-Inkjesta Magisterjali, fis-sens li l-imputat Peter Theuma huwa s-sid tal-fond fejn instabu l-esplozivi[34], il-Qorti, galadarba ma jirrizultax li dawn l-esperti semghu xi xhieda jew rcevew xi dokumenti bil-gurament fl-espletazzjoni tal-inkarigu taghhom, ma tistax taghti wisq valur probatorju lil dawn id-dikjarazzjonijiet, u zgur mhijiex serja tistrieh fuqhom biex taghmel kongetturi u assunzjonijiet dwar dan it-titolu. B'zieda ma' dan, hu wkoll indiskuss illi sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni tistabbilixxi l-*quantum* tal-multa li ghandha tigi inflitta b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 45A(1)(b), kellha titressaq prova dwar il-valur tal-proprjeta` u l-valur tat-titolu li jkollu l-hati fuq l-istess proprjeta`. Madanakollu, din il-prova wkoll hija nieqsa u l-imputati nfushom ma ghamlu l-ebda dikjarazzjoni minn jeddhom dwar it-titolu tal-fond in kwistjoni, la fl-istqarrija li rrilaxxaw waqt l-interrogazzjoni taghhom mill-Pulizija, u lanqas f'dawn il-proceduri quddiem il-Qorti.

[33] Bejgh u hazna ta' esplosivi.
[34] Ara pagna 2 tar-rapport Dok. DV, u fol. 121 (rapport Dok. ED1).

Ghaldaqstant, fil-mankanza assoluta tal-provi mehtiega ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 45A(1)(b), il-Qorti tqis li ma tistax tapplika l-multa prospettata mill-imsemmija dispozizzjoniijet, fil-konfront tal-imputat Peter Theuma.

Imbaghad, ghall-finijiet tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghas-sospensjoni tal-licenza, il-Qorti tqis illi galadarba ma ntweriex li l-imputat Peter Theuma ghandu xi licenza mahruga f'ismu taht l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ma ghandhiex tordna s-sospensjoni ta' ebda licenza.

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 40 tal-Ordinanza, ghall-konfiska tal-*corpus delicti* kif ukoll ta' kull sustanza jew ħaġa li tkun il-prodott tar-reat, il-Qorti tosserva illi skont kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert pirotekniku, l-esplosivi kollha elevati mill-post indikat fic-citazzjoni (ghajr ghall-prekursuri konsistenti f'PVC u dawk kontenuti fir-recipjenti bin-numri 20, 21 u 22, kif ukoll il-kampjun bin-numru 19 "*zinc phosphide*")[35], diga` gew debitament distrutti taht is-sorveljanza tal-espert pirotekniku Patrick Vella, wara li din id-distruzzjoni giet awtorizzata mill-Qorti b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2018. Il-*proces-verbal* ta' din id-distruzzjoni giet esebita fl-atti (Dok. RA1)[36].

Fir-rigward tal-prekursuri fil-kontenituri mmarkati bin-numri 20, 21 u 22, b'piz totali ta' 24 kilogramm, billi ma saritx analizi kimika taghhom, u fi kwalsiasi kaz ma nstabet ebda htija ghal reat taht l-Ordinanza koncernanti z-zamma tal-materjal in kwistjoni, il-Qorti m'hijiex serja tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tieghu. L-istess jghodd ghas-sustanza konsistenti f'*zinc phosphide* li gie eskluz li huwa esploziv ghall-finijiet tal-Ordinanza.

---

[35] Ara fol. 67, rapport Dr. Daniel Vella ("Prekursuri") u fol. 111, rapport Patrick Vella (xi. "PVC", x "Diversi tipi ta' prekursuri"). Ara wkoll pagna 9 tar-rapport ta' Dr. Daniel Bella a fol. 72, u paragrafu numru 30 tar-rapport tal-espert pirotekniku a fol. 12, relattivament ghas-sustanza "zinc phosphide".

[36] Xhieda tal-Ispettur Roderick Attard, 27 ta' Marzu 2019.

In konkluzjoni, ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat Peter Theuma ghad l-eta` tieghu ta' 69 sena fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat li tieghu qed jinstab hati, u sejra ghalhekk teroga l-iktar piena minima prospettata mil-ligi fl-Artikolu 29 tal-Ordinanza.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi ma ssibx lill-imputat ANDREA THEUMA hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat PETER TEUMA hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17 u 29 tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta), issib lill-istess PETER TEUMA hati tar-raba' imputazzjoni talli zamm esplozivi kontra d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi, u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sena (1) mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Ghar-ragunijiet gia` abbuntantement moghtija fil-korp tas-sentenza, qieghda tichad it-talbiet li saru mill-Prosekuzzjoni ghall-fini tal-Artikolu 45A(1)(a), 45A(1)(b) u 40A tal-Kapitolu 33, u qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula ghall-fini tal-Artikolu 40 tal-istess Kapitolu 33.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lil PETER TEUMA sabiex iħallas lir-Registratur tal-Qorti, is-somma ta' ħames mija u tnejn u tletin Euro u wieħed u sittin ċentezmu (€532.61) rapprezentanti kwart tal-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-*proċes-verbal* tal-inkjesta,**[37] **u dan fi żmien tliet xhur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

[37] Total ta' spejjez fis-somma ta' €2,130.44 (Dok. DV, Dok. PV1, Dok. RA1, Dok. ED1).